Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 77

Data tal-laqgħa: 28 ta' Mejju 2024

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku (MLB)
Stephen Gatt - Kunsillier (SG)
Andrè Grech – Kunsillier (AG)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, AM ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fl-4.10pm. Is-Sindku beda billi rringrazzja l-ħaddiema u l-kollegi Kunsilliera tal-ħidma tagħhom. Irringrazzja wkoll lis-SE u lill-Mark Mallia li għamel perjodu jokkupa l-pożizzjoni ta' Deputat SE fl-assenza tas-SE. Awgura lill-kandidati kollha u lill-Kunsillier AG tas-servizz tiegħu.

## 77.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

77.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 77.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

77.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti ta' Laqgħa Numru 75. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

77.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier SG, li kien issekondat mill-Kunsillier ONDG, il-minuti ġew approvati.

## 77.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

77.3.1 <u>Para 76.3.1 – Dawl dekorattiv</u>
Is-Sindku infurma lid-dawl li jaħdem bis-sistema solari biex jeħlu fuq l-arbli tal-bnadar ma ħadimx peress li hemm id-dawl tat-triq u għalhekk l-*electrician* se jesplora opzjonijiet oħra.

77.3.2 <u>Para 76.3.2 – *Residential Parking Scheme*</u>
L-AKL infurmaw li għadhom qed jistennew direzzjoni dwar din l-iskema.

77.3.3.1 <u>Para 76.3.4 - Ċirkulari Nru SPI/SCI/01/2024 – Skema dwar Restawr ta' Postijiet / Monumenti Storiċi f'Malta 2024 / 2025</u>
Is-SE infurmat li l-applikazzjoni biex jiġi restawrat is-salib ta' fejn l-MFSA ġiet approvata.

77.3.3.2 Is-SE infurmat ġiet approvata wkoll l-applikazzjoni għal Espressjoni ta' Interess (SPI/SCI/01/2024) biex isir *herb garden* f'Wesgħa Ġiġi Gauci. Ser niġu infurmati bid-dettalji aktar il'quddiem.

77.3.4 <u>Para 76.3.5 - Skema Finanzjarja LESA – Proġetti fil-Komunitajiet 2024</u>
Is-SE infurmat li l-applikazzjoni ġiet approvata u l-Kunsill ser ikun qed jieħu rimborz sa massimu ta' €29K tal-ispiża biex saret il-bankina ta' Triq iz-Zekkuk. .

77.3.5 <u>Para 76.3.6 - Talba biex issir *zebra crossing* fi Triq il-Kbira</u>
Is-SE infurmat li TM approvat li ssir *zebra crossing* quddiem 29, Triq il-Kbira (fejn l-*ex-Dolphin Centre*). Is-SE qalet li kitbet lill-IM biex din tiġi inkorporata max-xogħlijiet tal-istess triq.

77.3.6 <u>Para 76.4.1 – Triq il-Kbira</u>
Is-Sindku talab biex niktbu lill-IM sabiex jaġġornaw lill-Kunsill f'hiex wasal it-*tender* tax-xogħlijiet tat-triq.

77.3.7 <u>Para 76.13.2 - Dawl fi Triq B. Bontadini</u>
Is-SE infurmat li l-bozza l-ġdida twaħħlet fuq arblu eżistenti u issa jonqos li tiġi mqabbda mill-Enemalta mad-dawl tat-triq.

77.3.8 <u>Para 76.13.3 - Spralli f'Wied Ħal Balzan</u>
Is-SE infurmat li għad trid iġġib kwotazzjoni għat-tindif u manutenzjoni ta' l-ispralli.

77.3.9 <u>Para 76.13.4 - Qsari f'Wied Ħal Balzan</u>
Is-SE infurmat li l-qsari ġew mixtrija u r-residenta se tieħu ħsieb tħawwel il-pjanti fihom u b'hekk jitneħħew il-bramel li qed jintużaw bħala qsari f'Wied Ħal Balzan k/m Triq it-Tabib J. Zammit.

77.3.10 <u>Para 76.13.8 – Bankina f'Wied Ħal Balzan</u>
Fuq il-bankina ta' quddiem Pro-Kitchen, is-SE infurmat li saret laqgħa fuq il-post ma' sid il-ħanut. Il-ġimgħa d-dieħla se terġa' ssir laqgħa fuq il-post, fejn ser jattendi l-Perit tal-Kunsill, biex jikkoordina x-xogħol meħtieġ li se jsir minn sid il-ħanut.

## 77.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

77.4.1 Ġrieden fi Triq l-Imdina

Is-Sindku infurma li xi nies ilmentaw bil-problema tal-ġrieden li hemm fl-akwati ta' Triq l-Imdina li qed jiġu min-naħa tas-*Central Link*. Is-Sindku talab li nġibu kwotazzjonijiet għall-installazzjoni ta' kaxxi suwed ta' kontra l-ġrieden li jkunu *safe* għall-klieb u l-qtates. Apparti minn hekk, ser ninfurmaw lis-Sanità bil-problema.

77.4.2 Laqgħa mal-*Community Police*

Is-Sindku aġġorna lill-Kunsill fuq il-laqgħa li jkollu ta' kull xahar mal-*Community Police,* fejn reġa' infurmhom bil-problemi tas-soltu, fosthom l-*over speeding* f'numru ta' toroq, sinjali tat-traffiku injorati u żieda sinjifikanti ta' vandaliżmu w serq minn karozzi. Dwar l-aħħar punt, il-pulizija infurmaw li dawn l-inċidenti mhux qed jiġu rraportati mill-individwi.

**F'dan il-ħin (4.30pm) daħlet il-Viċi Sindku MLB għal-laqgħa.**

77.4.3.1 Xogħlijiet li qed isiru minn Enemalta plc

Is-Sindku aġġorna lill-Kunsill fuq ix-xogħlijiet li qed isiru minn Enemalta plc. Is-Sindku infurma li l-ġimgħa l-oħra infurmawna verbalment li fadlilhom ġimgħatejn biex ilestu Triq l-Annunzjata. Il-Kunsill huwa ferm imħasseb peress lir-residenti jinsabu fil-għama dwar dawn ix-xogħlijiet, kif ukoll li issa qed noqorbu lejn il-festa tar-raħal u għad baqa' Triq it-Tliet Knejjes xi ssir.

77.4.3.2 Il-Kunsill irrimarka li x-xogħlijiet fi Triq it-Tliet Knejjes għandu jsir wara l-festa. Il-Kunsillier ONDG infurma li bagħat *email* lill-Enemalta u lill-Ministru Miriam Dalli dwar dan.

77.4.3.3 Il-Kunsill qabel li nibgħatu *email* lill-Enemalta (l-Inġ. Ernest Ciantar) u lill-Ministru, sabiex jaġġornaw lill-Kunsill b'*timeline* ċara tax-xogħlijiet, apparti minn hekk nieħdu parir mingħand l-avukat tal-Kunsill biex niġu nfurmati bid-drittijiet tagħna relatati ma' dawn ix-xogħlijiet.

77.4.4 Tabelli ma' dar nru. 190, Triq il-Kbira

Il-Kunsillier AG infurma li sid id-dar 190 talbet li jitneħħew 2 tabelli li għandha mal-faċċata tad-dar u jsiru fuq *pole*. Se jiġi ċċekkjat x'jista' jsir.

## 77.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

77.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 77.6 L-Ittra ta' Direzzjoni 2023 u r-Risposta tal-Kunsill

77.6.1 Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill l-Ittra ta' Direzzjoni 2023 u r-risposta ssuġġerita tal-Kunsill. Kopja ta' dawn ingħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

77.6.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku MLB, li kienet issekondata mill-Kunsillier AG, ir-risposta għall-Ittra ta' Direzzjoni ġiet approvata unanimament.

## 77.7 Rapporti

77.7.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 77.8 Vettura Elettrika

77.8.1 Nhar il-Ħamis 30 ta' Mejju 2024 fis-6.00pm se ssir Konferenza Stampa biex jiġi inawgurat is-servizz ta' *shuttle* għall-anzjani. Ġiet mistiedna l-Onor. Alison Zerafa Civelli, però ma tistax tattendi minħabba impenji oħra.

77.8.2 Is-servizz ser jibda jingħata mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.00am u l-11.30am. Ir-residenti għandhom jibbukkjaw is-servizz minn ġimgħa qabel. Is-servizz ser jiġi offrut għall-isptar Mater Dei, iċ-Ċentri tas-Saħħa ta' B'kara u Ħ'Attard, BOV u HSBC ta' B'kara.

## 77.9 Festa 2024

77.9.1 Kien hemm qbil li l-laqgħa ta' qabel il-festa mal-Każini u l-Pulizija ssir nhar it-Tnejn 17 ta' Ġunju 2024 fis-6.00pm.

77.9.2 Is-SE ressqet xi talbiet mill-Każini tal-Baned relatati mal-festa tar-raħal.

77.9.3.1 <u>Każin tal-Banda Filarmonika Marija Annunzjata</u>
Talba biex f'Jum il-Festa (il-Ħadd 14 ta' Lulju) filgħaxija, ma jintramawx gabbani fil-pjazza man-naħa tal-bandli, peress li din is-sena ser iżanżnu kolonni ġodda u bil-gabbani quddiemhom ma jkunux jistgħu jiġu apprezzati. Is-SE infurmat li fiż-żona ndikata normalment jarmaw 7 gabbani.

77.9.3.2 Il-Kunsill iddiskuta u approva din it-talba. Il-Kunsill qabel ukoll li ninfurmaw lis-sidien tal-gabbani affetwati bil-post il-ġdid li ġie magħżul mill-Kunsill, għat-tlett ijiem tal-festa, kif ġej:

- Posta Nru. 10 – Qubbajt – tarma faċċata fejn il-kumplament tal-gabbani tal-qubbajt;
- Posta Nru. 9, 11 u 14 – Toys – jarmaw fil-bandli madwar il-gazebo;
- Posta Nru. 8 u 12 – Ġelat u *soft drinks* – jarmaw fi Triq Dun Spir Sammut; u
- Posta Nru. 7 - Ġelat u *soft drinks* – tarma l-ewwel waħda fi Triq Ġuże' Bonniċi k/m Pjazza.

**F'dan il-ħin (5.15pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fil-5.25pm, fejn il-Kunsillier AG talab li jiġi skużat mil-laqgħa.**

77.9.4.1 <u>Każin tal-Banda San Gabriel</u>
Talba biex tingħalaq Triq il-Kbira (minn fejn Skarpoli), mis-7.00pm tat-Tlieta 9 ta' Lulju sas-1.00pm tat-Tnejn 15 ta' Lulju minħabba l-Festa. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li Triq il-Kbira tingħalaq bħas-sena preċedenti, ċioè, mid-9.30am tal-Erbgħa sas-1.00pm tat-Tnejn.

77.9.4.2 Talba għall-permess tan-*No Parking* fi Pjazza Bertu Fenech, nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju mis-7.00am il'quddiem. – Approvata.

77.9.4.3 Talba għall-permessi tan-*No Parking* fi Pjazza Annunzjata:
1. Is-Sibt 6 ta' Lulju bejn n-12.00pm u n-12.00am – Approvata.
2. Il-Ħadd 7 ta' Lulju bejn it-3.00pm u n-12.00am minħabba attività – Approvata.
3. It-Tlieta 9 ta' Lulju bejn it-8.00am u s-1.00am minħabba attività – Approvata.
4. Il-Ħamis 11 ta' Lulju bejn it-8.00am u s-1.00am minħabba l-kunċert – Approvata.
5. Il-Ġimgħa 12 ta' Lulju bejn n-12.00pm u n-12.00am – Approvata.

77.9.4.4 Talba għall-permess tan-*No Parking* fit-toroq li ser tgħaddi l-purċissjoni, nhar il-Ħadd 14 ta' Lulju. – Approvata.

77.9.5 <u>Parkeġġ addizzjonali</u>
Il-Kunsill qabel li jesplora l-possibiltà li jsir xi tip ta' ftehim biex il-*parking* ta' *Smart Supermarket* jitħalla miftuħ matul il-lejl bejn il-Ġimgħa u l-Ħadd tal-festa.

## 77.10 Skemi Finanzjarji

77.10.1 <u>Għajnuna Finanzjarja mir-Reġjun Tramuntana – Libreriji</u>
Is-SE infurmat li kemm l-iskola Primarja Lija/Balzan/Iklin, kif ukoll l-iskola Primarja ta' San Alwiġi jippreferu *voucher* biex jixtru kotba tal-preferenza tagħhom.

77.10.2 Se ssir preżentazzjoni uffiċċjali mill-Kunsill, lill-iskejjel għall-iskema tal-libreriji u liż-żewġ Każini tal-Baned għall-iskema ta' għajnuna lilll-NGOs. Din se ssir nhar it-Tlieta 4 jew l-Erbgħa 5 ta' Ġunju 2024 fit-8.00am.

## 77.11 Toroq li qed / ser isiru minn Infrastructure Malta

77.11.1 <u>Triq Idmejda</u>
Is-Sindku infurma li Triq Idmejda ser terġa' tingħalaq għal xi ġranet biex isiru l-aħħar irqaqat (*snags*) u r-*road markings*.

77.11.2.1 <u>Triq San Franġisk</u>

Dwar il-proġett ta' tisbiħ tal-Pjazza ta' Triq il-Qarċilla, is-Sindku infurma li l-permess mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali ħareġ u x-xogħlijiet minn IM se jibdew dalwaqt.

77.11.2.2 Is-Sindku infurma li se jkun qed jibgħat *email* ta' IM il-mod ta' kif saru il-bankini tal-parti ta' bejn l-ispiżerija u Triq it-Tabib J. Zammit għax jidher li qegħdin wieqfa ħafna.

77.11.2.3 Is-Sindku infurma wkoll li hemm il-potenzjal ta' kwistjoni legali, fis-sens li allegatament il-kuntrattur ħalla gaffa fuq il-*main* tad-drenaġġ, il-main inkiser u kkawża *flooding* f'*basement garages* u s-sidien qed jitolbu lill-IM għal kumpens.

77.11.2.4 Is-Sindku talab li niktbu lill-Perit ta' IM biex niċċekkjaw jekk għandhomx indikazzjoni ta' meta se jingħata l-ewwel saff ta' asfalt f'din il-parti. Apparti minn hekk, ninfurmawh biex jekk din il-parti tat-triq hija magħluqa għat-traffiku, għandhom jużaw *barriers* adekwati għax li qed jużaw preżentament qed jiġu mmexxija faċilment.

77.11.3 <u>Triq il-Kardinal Kardijn</u>
Is-Sindku infurma li x-xogħlijiet f'din it-triq bdew u jinsabu fi stadju avvanzat ħafna.

## 77.12 Kommemorazzjoni ta' personalitajiet lokali

77.12.1 <u>Mons. Dun Ġwann Dimech</u>
Dwar il-bust ta' Mons. Dun Ġwann Dimech propost li jsir fit-*traffic island* ta' Triq il-Kannizzata k/m Triq Birbal, il-Perit bagħat id-dimensjonijiet proposti. Se nġibu kwotazzjonijiet għall-bust (fiber) u l-pedestall (ġebel).

77.12.2 <u>Konti Bernardo Manduca</u>
Dwar il-plakka tal-irħam tal-Konti Manduca li qed jiġi propost li jsir mal-ħajt tal-villa, se nitolbu permess mis-sid ta' Villa Macedonia.

## 77.13 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

77.13.1 <u>Kirja tal-garaxx</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-kirja tal-garaxx li qed jintuża mill-Kunsill bħala *store* kienet sal-aħħar ta' Ġunju 2024. Għalhekk, il-Kunsill unanimament approva li jġedded il-kirja għal sena bl-istess kundizzjonijiet u għall-ammont ta' €2,300.

77.13.2 <u>Ċirkulari Nru. 4/2024 – Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali (8 ta' Ġunju 2024)</u>
Ġiet innutata Ċirkulari Nru. 4/2024 maħruġa mid-DGL.

## 77.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

77.14.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 05/24, li tinkludi l-ammont ta' €56.00c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' April 2024.

77.14.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku MLB li kienet issekondata mill-Kunsillier ONDG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 77.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

77.15.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.15pm.

77.15.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 19 ta' Ġunju 2024 fl-4.00pm.

Konfermati, illum il-Erbgħa, 19 ta' Ġunju 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |